MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 554/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Ottubru, 1988 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt quddiem in-Nutar Dr Elena Farrugia (Dok. CM1 – kopja legali);

Illi huma ilhom hekk separati mis-sena 2002 dan skond id-data li tirrizulta mill-anness kuntratt ta' separazzjoni.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-kontendenti ghaliex l-ulied huma llum kollha maggoreni, u l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jircievu mantenimenti minghand xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artiklu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-konvenuta li inforza taghha eccepiet:

1. Illi fil-mertu ma hijiex qed toggezzjona ghat-talbiet rikorrenti;
2. Illi dwar l-ispejjez hija qieghda teccepixxi illi dawn ghandhom jithallsu mir-rikorrent, stante li l-mittenti ma ghandha ebda interess li jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg.

Ghaldaqstant il-konvenuta qieghda tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju, fil-mertu, ta' dina l-Onorabbli Qorti u l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2012;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi l-ulied tal-partijiet illum huma magorrenni u li l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------